MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Numru. 17/2001

PULIZIJA
SPETTUR SANDRO ZARB
VS
ANTHONY BARTOLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Bartolo ta' 42 sena, iben il-mejjet Anthony u Euphemia nee Galea, imwieled Hal Qormi fit-13 ta' Awissu 1958u residenti 6, Alley 6, Victory Street, Qormi u detentur tal-karta tal-identita numru 599358M talli fit-3 ta' Jannar 2001 u nhar l-4 ta' Jannar 2001, gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizijal-Floriana, halef fil-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat jinstab mixli li xehed il-falz quddiem Magistrat jew ufficjal iehor li kellu is-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe skond Ahmed Arouid (ara fol 13-16) jirrizulta illi din il-persuna giet arrestata fit-2 ta' Jannar 2001 mill-pulizija waqt tfittxija go appartament fil-Qawra. Arouid wara li gharaf l-imputat f'Awla, sostna illi l-imputat kien offirelu li jew jsiblu xoghol f'Malta jew jirrangalu biex jitlaq minn Malta lejn l-Italja. Ghal dan Arouid kien hallas lill-imputat is-somma  ta' 327 dollaru Amerikani .

Arouid xehed  illi l-imputat kien hadu jghix f'appartament tieghu fil-Qawra, u l-istess imputat kien jigi kull gurnata fl-sitess appartament biex jaghtih l-ikel u is-sigaretti. Wara tlett ijiem, kienu gew il-pulizija fil-flat u arrestawh.

Tahar Ben Brik Jamal (a fol 17-21) xhed illi huwa kien harab mil-vapur ta' Tunez meta dan wasal Malta, u li sab lill-imputat li offirelu biex joqghod fl-apparatament tieghu. Jamal xehed illi fl-appartament tal-imputat kien hemm zewg persuni ohra li kienu fl-istess sitwazzjoni tieghu. Jamal stqarr illi huwa xtaq jmur lura f'pajjizu u li ma kienx lahaq ghadda flus lill-imputat. Xehed illi fil-jumejn li qaghad fil-flat, tal-imputat, l-istess imputat kien jgibilhom l-ikel. Stqarr wkoll illi l-imputat kellu curkett f'subghajh illi kien anki xhed dwar dan fl-inkjesta.

Spettur Sandro Zarb xehed (a fol 28-32) illi in segwitu ta' incidenti li sehhu fil-31 ta' Dicembru 2000 f'Xatt ta' Pinto mal-wasla tal-vapur Carthage, l-pulizija kienu segwew serje ta' tfittxijiet nkluz tfittxija fi flat No 6, Seaview Flats, Triq il-Qawra, Qawra fejn instabu zewg persuni ta' nazzjonalita barranija waqt li persuna ohra Tunesina

qabzet mill-gallarija tal-flat, korriet serjament u kienet f'periklu tal-mewt.

Dan il-flat kien mikri  lill-imputat.

Illi fil-kors ta' inkjesta Magisterjali kienet ttiehdet ix-xhieda ta' Jamal u Arouid. Dawn gew murija diversi ritratti u gie identifikat l-imputat bhala l-persuna li kienet tathom il-flat minn fejn gew arrestati.

Ma sarx ID Parade stante l-istatura zghira tal-imputat li ghamlitha difficli li jsir ID Parade gust.

L-ufficjal prosekutur xehed illi l-imputat baqa jinnega u jichad l-involviment tieghu u xehed f'dan is-sens fl-nkjesta. F'xhieda tieghu fl-imkjesta, Spettur Zarb jghid illi l-imputat baqa jishaq li l-anqas biss kien jaf lit-tlett persuni barranin u dana minkejja li kienu identitfikawh kif del resto kien gharfu c-curkett tal-istess imputat.

Spettur David Galea a fol 33-35 kkonferma ix-xhieda ta' l-ufficjal prosekutur u sostna illi l-imputat kien gie identifikat mit-Tunezin u l-Marokkin bhala l-persuna li kien qieghed izzommhom hawn Malta.

Spettur Galea xehed illi l-imputat baqa jinnega l-involviment tieghu quddiem Magistrat tal-Ghassa.

Esebixxa l-istqarrija tal-imputat dok DG a fol 36 u 37.

Spettur Zarb a fol 38 u 39 kkonferma l-presenza tieghu waqt t-tehid tal-isqarrija tal-imputat.

Joseph Cauchi a fol 45 sa 47 xehed illi huwa proprjetarju ta' Sea view Flats, Flat 6, Qawra Road, Qawra u li kien kera dan il-flat lill-imputat ghal perjodu ta' Dicembru 2000 u Jannar 2001. Gie esebit l-process verbal a fol 52.

PS1336 Jesmond Micallef kkonferma ir-relazzjoni tieghu a fol 56 li kkonferma il-manjiera li biha ha ir-ritratti li gew wzati ghall-identifikazzjoni tal-imputat.

PS1184 Grech kkonferma ir-relazzjoni tieghu a fol 59 waqt li Robert Cardona kkonferma ir-rapport tieghu a fol 61.

Prokuratur Legali Scerri Ferrante kkonfermat ir-relazzjoni taghha a fol 65-66.

L-imputat min-naha l-ohra xehed a fol 68 et seq, illi huwa kien qieghed fuq ix-xoghol meta gie arrestat mal-pulizija li informawh li kien hemm xi nies fil-flat tieghu, u li hu kien rrisponda li ma kien jafhom.

L-imputat xehed li safejn jaf hu lil dawn in-nies ma kienx jafhom u hekk kien xehed quddiem il-Magistrat tal-Ghassa (fol 69).

In kontro ezami (fol 70) xehed illi l-flat indikat kien ilu ghandu xi erbgha xhur u li l-pulizija kienu gew jinfurmawh li kien qabez Tunezin minn gol-flat tieghu. L-imputat xehed illi huwa ma kienx jorqod f'dan il-flat kulljum u li gieli raqad ghand ommu u gieli ghand ohtu.

Xehed wkoll illi kien ta ic-cavetta tal-flat lill-certu Marokkin. Xehed illi kiem semma dana kollu lill-Magistrat tal-Ghassa. Mistoqsi ripetutament dwar dak li xehed fl-inkjesta l-imputat baqa jsostni illi huwa ma kienx jaf lix-xhieda li xhedu kontra tieghu.

Qal li dawn setghu ddahhlu fil-flat tieghu mill-Marokkin li kellu ic-cavetta tal-flat.

Dan il-Marokkin kien jismu Massimo u kien semmieh anki fl-inkjesta. Mitlub ripetutament ridtx jiehu lura xi parti mix-xhieda tieghu l-imputat baqa jinsisti li kien qed jghid il-verita.

Josephine Zammit a fol 77 kkonfermat ix-xhieda fl-inkjesta.

Illi fil-kors tal-inkjesta jsir interrogatorju fuq Bartolo mill-Magistrat Inkwirenti wara li inghatalu u gie spjegat lilu it-tifsir tal-Caution. Dan l-interrogatorju sar minghajr ma gie

moghti il-gurament, jibda a fol 103 sa fol 108. Illi ghal fini ta' din il-kawza din l-interrogazzjoni giet imwarrba minn din il-Qorti li trid tezamina biss dak li l-imputat stqarr bil-gurament. Illi imbaghad a fol 109 l-imputat jinghata il-gurament u rega nghata il-caution – u jigi imwissi fuq il-konsegwenzi koroh tal-ispergur u li dawn jinkludi l-prigunerija.

Illi fil-kors tax-xhieda guramentata tieghu l-imputat jinnega li kien jaf li persuna ta' nazzjonalita barranija kien qabez mll-flat tieghu, jinnega li jaf lix-xhieda f'dawn il-proceduri, jinnega li kien sahansitra hadilhom l-ikel u is-sigraretti. Anzi jghid illi il-lejl ta' qabel kien raqad ghand ohtu. A fol 120 l-ewwel jghid li ma kien ta' ic-cavetta tal-flat lil hadd. Imbaghad aktar l-isfel a fol 120 jghid li kien ta' cavetta tal-flat sellifha lil certu Mustafa habib tieghu fl-Italja u lil Hudda.

Xehed wkoll illi kien raqad ghand ommu fil-Milied (il-Gmgha) illi is-Sibt kien raqad il-flat u l-Hadd ghand ohtu u t-Tnejn raqad il-flat waqt li it-Tlieta raqad ghand ohtu.

Illi Arouid Ahmed (Marokkin) a fol 123 jaghraf ritratt tal-imputat fl-inkjesta, u kkonferma li l-imputat kien ser jsiblu xoghol f'Malta u fin-nuqqas jiehdu l-Italja, kkonferma li tah 300 dollari amerikani u li kien gab zewg Tunezini mieghu fil-flat liema tunezini kienu harrbu mill-vapur Carthage (fol 125).

Jamil (fol 130) fl-inkjesta gharaf lill-imputat, kkonferma li l-imputat kien offrielu li jiehdu l-Italja ghan 600 dollari amerikani izda li hu ma ridtx; kkonferma li l-imputat kien jgibilhom l-ikel kulljum u kien jiehu hsieb ta' l-ghasfur li kien hemm fl-appartament.

Fit-tieni xhieda tieghu fl-inkjesta (ara fol 135 et seq) fejn wara li gie moghti il-gurament u l-caution, u rega gie imwissi dwar il-konsegwenzi tal-ispergur, l-imputat kkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament.

Illi a fol 143 u 144 l-imputat jiccara fejn kien raqad bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena u jikkonferma li fl-Ewwel tas-

Sena kien dahal il-flat u ma kien hemm hadd jghix fih. Muri l-passaport u ir-ritratti ta' Jamil jibqa jsostni li qatt ma rah qabel.

Anthony Bartolo a fol 155 rega gie msejjah biex jaghti t-testimonjanza teghu fl-inkjesta wara li gie moghti it-twissija skond il-ligi.

A fol 157 jghid li sa fejn jaf hu Mustafa ma kienx Malta l-ahhar xahrejn qabel l-incident.

Bartolo baqa jinnega li huwa dahhal xi nies ta' nazzjonalita barranija fil-flat tieghu (fol 162).

Josephine  Zammit xhedet fl-inkjesta a fol 168 u qalet illi hija kienet marret f'dan il-flat  tlett darbet biss, illi kellha cavetta u li huha kien qalilha  li ma kien ta c-cavetta lil haddiehor hliefha. Qalet  li l-ahhar li kienet marret il-flat kien qabel il-gurnata tal-Milied.

A fol 181 Anthony Bartolo wara li gie moghti it-twissija skond il-ligi, innega li qatt kellu passaporti ta' nies barranin u muri passaport H315610 jirrifjuta li dan il-passaport kien jappartjeni lill-istess persuna bl-isem ta'  Nizza, liema persuna kien semma fix-xhieda tieghu.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti fuq esposti jirrizulta ampjament illi mix-xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni, kemm Ahmed Arouid kif wkoll Jamal Ben Brik Jamal gharfu lill-imputat bhala l-persuna li akkomodathom fil-flat minn fejn gew arrestati mill-pulizija, bhala l-persuna li kienet tigi kuljum bl-ikel u sigaretti, bhala il-persuna li kienet tindokra l-ghasfur fil-flat, bhala l-persuna li kienet tilbes curkett partikolari, bhala l-istess persuna li irceviet il-fuq min 300$ biex jew l-imputat jsibilhom ix-xoghol f'Malta jew "tirranga" biex jiehu lil Arouid lejn l-Italja.

Din ix-xhieda giet moghtija quddiem din il-Qorti u tinstab konfermata bix-xhieda moghtija fl-inkjesta annessa ma dawn il-proceduri.

L-imputat minkejja dan, jichad kollox.

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kemm ix-xhieda moghtija quddiemha kif wkoll dik moghtija fl-inkjesta, hi tal-fehma illi ic-cahda tal-imputat mhiex kredibbli jew verosimili u ma ssibx korroborazzjoni mix-xhieda ohra jew mal-“circumstantial evidence” f’dan il-kaz.

.

Ghal kuntrarju, ix-xhieda ta’ Cachia, sid il-flat in kwistjoni, kemm quddiem din il-Qorti kif wkoll fl-inkjesta jikkonferma li kien kera il-flat relevanti lill-imputat fil-perjodu indikat. Oht l-imputat fl-inkjesta tikkonferma li marret tlett darbiet biss fil-flatt u li meta marret, l-flat kien vojt. Tikkonferma li kienet giet moghtija cavetta u li huha l-imputat, kien qalilha li ma kienx hemm cavetta ohra barra taghha u tieghu.

Illi di piu ma jghin xejn lit-tesi tal-imputat meta dan jghid li kien ta ic-cavetta lil habib tieghu. Dana ghaliex il-cosi dett habib fl-inkjesta jismu Mustafa waqt li quddiem il-Qorti l-imputat jsemmi biss lil Massimo! (fol 72)

Apparti dana kollu, fl-inkjesta Bartolo jammetti li kien mar fl-appartament tieghu fl-Ewwel tas-Sena u ma sab lil hadd jghix fih (fol 143 u 144) waqt illi quddiem il-Qorti l-imputat jaghti x’jifhem illi ma tantx kien joqghod fil-flat u li kien jorqod ghand ohtu u ommu ta’ spiss (fol 70). Dan gie kontrastat max-xhieda li ta fl-inkjesta dwar il-movimenti tieghu bejn Dicembru u l-Ewwel tas-Sena li juri tahwid kbir fix-xhieda tieghu.

Illi din il-Qorti imbaghad ezaminat br-reqqa ix-xhieda ta’ Arouid u Jamel u konsistenza tax-xhieda taghha anki fid-dettall, hi tal-fehma illi din ix-xhieda ghandha mis-sewwa.

Il-Qorti ezaminat dak li rriteniet id-difiza a fol 95 sa 97 fit-trattazzjoni ma tista b’ebda mod tikkondividi ma dak sollevat. Dan mhuwiex kaz ta’ avarija jew diskrepanzi zghar ta’ xhieda dwar xi dettalji insignifikanti.

Illi fatti specie tal-kaz huma tali juri sal-livell probatorju li jirrikjedi il-kamp kriminali illi l-imputat gideb waqt li kien taht gurament lil Magistrat tal-Ghassa u gideb fuq materji serji li gew pprovati b'maniera li ma jhalli l-anqas xrara ta' dubbju dwar il-vertenza taghhom

Illi din il-Qorti imbaghad ezaminat l-Art 102 sa 107, u hi tal-fehma illi ir-reat de quo jinkwadra ruhu taht l-Art 108 tal-kap 9 li jipprovdi:-
"Whosoever, in any other case not referred to in the preceeding Articles of this subtitle, shall make a false oath before a Magistrate, or any other officers authorized to administer oaths shall on conviction be liable….."
a) to imprisonment for a term of four months to one year if the oath is required by law or ordered by judge and or decree of any Court in Malta…..
b) to imprisonment for a term not exceeding three months if the oath be not so required

Illi mad-daqqa t'ghajn wiehed jinduna illi f'dan il-kaz jrid jigi ezaminat jekk deposizzjonijiet tax-xhieda guramentata mehuda f'inkjesta tinkwadrax taht ir-rekwizit ta' "an oath required by Law" u dana il-ghaliex il-piena tvarja b'mod konsiderevoli fin-nuqqas ta' dan ir-rekwizit.

Illi il-Qorti ghal dan il-ghan ezaminat l-artikoli 546 sa 659 li jkkoncernaw inkjesti in genere u precizament l-Art 549(4) jipprovdi:-
"Such deposition shall be taken in the manner provided for the examination of witnesses by the Court of Criminal Inquiry and shall have the same effect."

Illi ghalhekk ir-regola tat-tehid tax-xhieda fl-inkjesti hija regolati bl-istess provedimenti illi jirregolaw ix-xhieda li tinghata fil-kumpilazzjonijiet.

Illi di piu l-inkjesta originali li tinstab fl-atti kienet wahda li tikkoncerna persuna li allegatament qabzet mill-gallarija u kienet f'periklu iminenti li titlef hajjitha u ghalhekk **l-inkjesta hija mandatorja** ai termini ta' Art 551(1) li jipprovdi:-

"In cases of sudden or violent or suspicious death or of death whereof the cause is unknown, a report thereof, shall be made by the executive .police to the Court of Magistrates, the Magistrate **shall hold an inquiry** and **shall take all such evidence** as may be possible for him to procure…."

Illi ghaldaqstant u bla dubbju ta' xejn huwa l-Art 108 (1)(a) illi japplika fil-kaz odjern.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 108(1)(a) tal-kap 9 tikkundannah ghal prigunerija ta' sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------